MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2012

Numru 270/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Charlie Andrew Cordina**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charlie Andrew Cordina bin Alfred Cordina u Mary Jane Cordina nee` Pace, imwieled l-Awstralja fl-1 ta' Marzu 1971 u residenti fil-fond numru 11A, Pjazza San Frangisk, Rabat, (ghawdex), u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 160087(M) fejn gie akkuzat talli bhala direttur tal-kumpanija Andreluna Limited (C30464) ghas-snin 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkun jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa

skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-8 ta' Mejju 2012 fejn il-Qorti illiberat lill-imputat Charlie Andrew Cordina mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali minnu prezentat fl-4 ta' Gunju 2012, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflojk in vista tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija, tghaddi biex tiddisponi minn dan il-kaz skont il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza, in kwantu relevanti ghall-finijiet tal-appell, jistghu jigu riassunti kif gej:

L-imputat Charlie Andrew Cordina tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali imputat kif fuq inghad. Il-kawza kienet giet appuntata ghall-14 ta' Frar 2012 izda b'rikors tad-8 ta' Frar 2012 l-avukat tal-imputat talab li l-kawza tigi differita peress li l-avukat tieghu ma setax jattendi ghas-seduta ghaliex kien ser ikun impenjat fil-Qorti f'Malta. Fid-data tas-seduta dik il-Qorti laqghet it-talba u ddiferiet il-kawza ghat-8 ta' Mejju 2012. Fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2012 bdew jinstemghu il-provi tal-prosekuzzjoni. X'hin waslet biex tixhed ir-rapprezentant tal-Malta Financial Services Authority (MFSA) l-avukat tal-imputat oppona ghax-xiehda taghha peress li sostna li waqt li kienet tistenna l-kawza x-xhud kienet prezenti fl-awla u ghaldaqstant ma kienetx ammissibbli bhala xhud skont il-ligi. Dakinhar stess il-Qorti, wara li semghet ukoll lil avukat li deher ghad-

Dipartiment tat-Taxxi Interni, “laqghet it-talba” u ordnat lix-xhud imsemmi ma tixhidx fil-proceduri. L-avukat tad-Dipartiment talbet li jkun jista’ jitla jixhed rapprezentant iehor tal-MFSA f’seduta ohra izda l-avukat difensur tal-imputat oggezzjona u l-ewwel Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara li “Rat illi minkejja illi fis-seduta precedenti ntalab differiment mill-imputat in-natura tat-talba hija differenti min-natura tat-talba sabiex jigi mharrek rapprezentant iehor tal-MFSA”, cahdet it-talba. F’dan l-istadju l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi, l-imputat ghazel li ma jixhidx u ddikjara li ma kellux provi xi jressaq, u wara li l-Qorti semghet it-trattazzjoni ddecidiet il-kawza billi, fuq nuqqas ta’ provi, lliberat lill-imputat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

**7.** L-aggravju tal-Avukat Generali huwa essenzjalment li l-ewwel Qorti ingustament ipprivatu milli jgib b’appogg tal-akkuza prova indispensabbli li kienet ammissibbli skont il-ligi.

**8.** L-Avukat Generali strah fl-espozizzjoni tal-aggravju tieghu fir-rikors tal-appell fuq dak li jiddisponu l-artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali u fuq l-iskorta ta’ xi sentenzi ta’ din il-Qorti li certament ghandhom ir-rilevanza taghhom in konnessjoni mal-kwistjoni li trid hawn tigi deciza. Aktar pertinenti mill-artikoli citati, izda, huwa l-artikolu 641 tal-Kodici Kriminali li specifikatament jirrergola l-materja partikolari hawn trattata. L-artikolu 641 imsemmi jipprovdi kif gej:

“642. Bhala regola, kull min ikun prezenti fil-qorti waqt is-smigh ta’ kawza, ma jistax jingieb bhala xhud f’dik il-kawza:

Izda, il-qorti tista’ fid-diskrezzjoni taghha ma toqghodx ghal din ir-regola f’kazijiet specjali, meta jidhrilha li hem raguni bizzejjed biex taghmel hekk.”

**9.** Ghalhekk, jirrizulta kjarament li xhud li jkun prezenti fl-awla ma hux bhala tali xhud mandatorjament

inammissibbli izda l-Qorti ghandha diskrezzjoni li tammettih fic-cirkostanzi previsti fil-proviso tal-artikolu msemmi. L-ewwel Qorti, izda, jidher li fehmet li la darba x-xhud kien prezenti fl-Awla waqt is-smiegh tal-kawza allura dan kellu jigi dikjarat inamissibli. Tant hu hekk li l-ewwel Qorti, minghajr ma ghamlet l-ebda riferenza ghal dak provdut fl-artikolu 642 imsemmi, semplicement laqghet it-talba tad-difiza li l-unika motivazzjoni taghha kienet li x-xhud kienet inammissibbli.

**10.** Din il-Qorti, izda, hi tal-fehma li f'dan il-kaz kienu verament jezistu cirkostanzi specjali li jintitolaw lill-Qorti ma toqghodx ghar-regola msemmija u cioe' li x-xhud ma tkunx tista tingieb. Di fatti, ghalkemm jidher li hemm qbil li x-xhud rapprezentant tal-MFSA kienet l-Awla waqt li kienet qed tinstema' l-kawza minn mkien ma jirrizulta li din kienet fl-Awla bil-konoxxenza tal-prosekuzzjoni jew bil-permess taghha. Anzi, tenut kont tal-fatt li din kienet persuna pajzana li la kienet tifforma parti mill-Pulizija u anqas kienet impjegata fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jidher li ghall-prosekuzzjoni kienet apparentement membru tal-pubbliku li kienet prezenti ghas-seduta. Mhux hekk biss, izda, rapprezentanti tali kwazi invarjabilment ma jkunu jafu xejn di xjenza proprja dwar il-fatti precizi tal-kaz u ma jissejhux biex jixhdu dwar il-mertu tal-akkuzi izda biss biex jaghtu informazzjoni li tkun tirrizulta materjalment u oggettivament mir-records iskritti tal-entita' li huma jirrapprezentaw. Di fatti din il-Qorti f'din l-istanza, kif kien ikun ukoll xieraq li taghmel l-ewwel Qorti fic-cirkostanzi sabiex tkun f'pozizzjoni ahjar li tezercita d-diskrezzjoni taghha, talbet lill-prosekuzzjoni tiddikjara l-oggett tal-prova li riedet taghmel bix-xhud msemmi u l-prosekuzzjoni, permezz ta' nota tal-Avukat Generali tal-11 ta' Ottubru 2012 notifikata lill-avukat difensur tal-appellant fl-istess data, ddikjarat li l-informazzjoni li hija riedet tottjeni minghand ix-xhud kienet tikkonsisti filli (1) jekk fil-fatt Charlie Andrew Cordina (I.D. 160087M) kienx direttur ta' Andreluna Ltd. (PE No. 767532) fis-snin 2002 sas-sena 2006 u (2) jekk dan irrizenjax sad-data tas-seduta (liema seduta kienet saret fit-8 ta' Mejju, 2012). F'dawn ic-cirkostanzi ma kien hemm u ma hemm ebda periklu ta' xi pregudizzju kontra l-ligi lill-imputat appellat jew lill-

amministrazzjoni tal-gustizzja li tigi ammessa x-xhud rapprezentant tal-MFSA li ma hemmx dubbju tikkwalifika bhala prova indispensabbli fis-sens tal-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kodici Kriminali u li kienet ammissibbli fic-cirkostanzi tal-kaz.

**11.** In vista tal-konkluzjoni hawn fuq raggunta ma kellha qatt tinqala' l-kwistjoni kellux jigi akkordat differiment lill-prosekuzzjoni sabiex jigi prodott bhala xhud xi persuna ohra bhala rapprezentant tal-MFSA ghaliex ix-xhud li kienet prezenti fid-data relevanti messa, fic-cirkostanzi tal-kaz, giet ammessa biex tixhed minkejja l-fatt li kienet prezenti f'xi stadju tas-smiegh tal-kawza. Bdanakollu ghandu jinghad li ghalkemm fi proceduri sommarji ma ghandhomx jigu tollerati manuvri dilatorji da parti ta' xi wahda mill-partijiet ma hemm xejn xi jzomm lill-Qorti milli, anki fi proceduri sommarji, tikkoncedi differiment ghal ragunijiet gusti fl-interess tal-amministrazzjoni retta tal-gustizzja ghall-fini tal-istruzzjoni ordinata tal-process. Dak li hu rikjest fi proceduri sommarji hi s-sollecitudini fil-konduzzjoni tal-proceduri bl-iskartar ta' pretesti jew ragunijiet frivoli u ta' konvenjenza li ta' spiss jingiebu 'l quddiem bl-intiza jew bil-konsegwenza ta' dilungar ingustifikat u pregudizzjevoli ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u tirrevoka s-sentenza appellata; u tenut kont tal-fatt li dan ma hux kaz fejn il-ligi tassattivament tipprovdi li din il-Qorti ghandha tibghat lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kaz mill-gdid fil-mertu[1] din il-Qorti qed tiddiferixxi l-appell ghall-kontinwazzjoni sabiex tisma' l-provi kollha, inkluz ix-xiehda ta' Daniela Azzopardi, jew haddiehor minflokha, bhala rapprezentant tal-MFSA, b'dan li fic-cirkostanzi l-appellant, ghalkemm ma xehedx fl-ewwel istanza, jkollu d-dritt jiddeciedi fl-istadju opportun jridx jixhed f'din l-istanza in difeza tieghu nnifsu u wara din il-Qorti tkun tista' tiddiferixxi l-appell ghas-sentenza fil-mertu.

---

[1] Ara Art. 428(2) u 428(4) tal-Kodici Kriminali

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------